26 ta' Marzu, 1965

Imħallef:

Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.

Giuseppa mart Salvatore Cutajar

*versus*

Salvatore Cutajar, et

**Mara miżżewġa — Dota — Skrittura nuzjali — Dotarju — Tiġdid tal-ipoteka — Art. 2158 (2)**

*Il-liġi tagħmel distinzjoni bejn l-ipoteka in kawtela tad-dota li hija ipoteka legali u l-ipoteka in kawtela tal-ħlas tad-dotarju li hija ipoteka konvenzjonali.*

*Jekk l-esekuzzjoni tal-ipoteka tad-dotarju għebuq it-tletin sena ma tiġix imġedda, hija titlef l-effett tagħha u ma tistax tieħu grad ta' porzjorità ħlief mid-data li tiġi mġedda.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi — wara li ppremettiet illi fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha mal-konvenut Salvatore Cutajar ġibet bħala dota mobbli u bjankerija tal-valur komplessiv ta' erbgħa u disgħin lira u tmintax-il xelin (£94.18s.0d) fl-istess okkażjoni l-konvenut Cutajar ippromettilu dotarju tal-ammont ta' mitejn lira (£200) kif jirriżulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella tas-6 ta' Lulju, 1928 (Dok. A), u peress illi f'dawn l-aħħar żminijiet il-posizzjoni finanzjarja tal-istess konvenut Cutajar tgħarqet ħafna billi dana kkontratta ħafna debiti, bil-konsegwenza li hemm il-perikolu li titlef id-dota u d-dotarju — premessa speċjalment id-dikjarazzjoni illi l-posizzjoni finanzjarja tal-konvenut Cutajar hija ħażina, talbet illi dina l-Qorti tordna (1) is-separazzjoni ta' parti mill-beni tal-konvenut Salvatore Cutajar biex jagħmlu tajjeb għall-imsemmija dota u dotarju li flimkien jammonta għas-somma ta' mitejn, erbgħa u disgħin lira u tmintax-il xelin (£294. 18s. 0d). (2) tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun fil-ħin u post li jiġi minn din il-Qorti ffissat u kuraturi deputati biex jirrappreżentaw il-kontumaċi;

OMISSIS:

Tikkunsidra illi l-eċċezzjoni tal-konvenut Joseph Cachia li l-attriċi m'għandhiex dritt taġixxi *in forma pauperis* m'hix sostenibbli. Huwa magħruf illi l-mara miżżewġa ma tippossedix in-nofs tal-akkwisti. Id-dominus huwa r-raġel u l-mara tista' biss "tippossiedi" wara li tkun ġiet xolta il-komunjoni tal-akkwisti jew għaliex ikun spiċċa ż-żwieġ jew għal xi raġuni oħra. Għalhekk dina l-eċċezzjoni hija miċħuda bl-ispejjeż kontra l-eċċipjent Cachia;

Tikkunsidra fil-meritu illi mix-xhieda mogħtija mill-attriċi quddiem l-avukat tal-Fqar u minn dik ta' żewġha mogħtija quddiem il-perit legali jirriżulta sodisfaċentement illi hemm id-dissest finanzjarju lamentat mill-attriċi. Jirriżulta nfatti illi żewġ l-attriċi għandu debiti rilevanti lejn il-konvenuti ċioè mitejn u ħamsin lira (£250) lil Carmelo Bellizzi, mija u disgħin lira (£190) lil Carmelo Abela, fuq il-mitejn lira (200) lil Malta Cold Stores, sitta u tletin lira (£36) lil Henry Cole, tmienja u sebgħin lira (£78) lil Jiseph Cachia, sittax-il lira (£16) lil Wistin Grogan, tmien mija u ħamsin lira (£850) lil Paolo Magro u debiti oħra wkoll fl-ammont komplessiv t' ċirka sitt mitt lira (£600). Kellu dar li nbiegħet fis-subasta u sarulu wkoll ħames mandati tal-qbid. Il-mobbli kostitwenti d-dota tal-attriċi għadhom jeżistu d-dar kif xehed il-konvenut Salvatore Cutajar.

L-attriċi ammettiet li hija ma ġedditx l-ipoteka kontra żewġha in kawtela tal-ħlas tad-dotarju qabel m'għalqu t-tletin sena mid-data tal-iskrizzjoni, però hija tgħid li dana ma jistax jippreġudikaha billi ż-żwieġ għadu ma ġiex xolt. Fil-fatt dan il-preġudizzju hemm għaliex il-liġi tagħmel distinzjoni bejn l-ipoteka in kawtela tad-dota li hija ipoteka legali u l-ipoteka in kawtela tal-ħlas tad-dotarju li hija ipoteka konvenzjonali, billi l-artikolu 2158 (2) Kod. Ċiv. teżenta biss l-ipoteka legali

a favur tal-mara miżżewġa mill-obbligu tar-renova sa sena wara li jinħall iż-żwieġ. Dana juri ċar li eżenzjoni a favur ta' l-ipoteka l-oħra li hija konvenzjonali m'hemmx, u qalitu espressament il-Qorti tal-Appell in re "Ellul vs Ellul Lanfranco" Kollez. Vol. XXXIV, P. 1. paġ. 11, 16 ta' Jannar, 1950: "L-ipoteka tad-dotarju hija konvenzjonali u jekk l-iskrizzjoni tagħha għeluq it-tletin sena ma tiġix imġeddâ titlef l-effett tagħha...... u ma tistax tieħu grad ta' porzjorità ħlief middata li tiġi mġedda". Il-Qorti tal-Appell in re "Randon vs Cuschieri" Kollez. *Vol. XXI, P. 1, paġ. 382 iddikjarat* ukoll illi l-assenjazzjoni tal-beni tar-raġel ma tistax issir in konfront tal-krédituri tar-raġel li huma in grad ta' prelazzjoni anterjuri għall-mara li għalhekk ma tistax tesperimenta d-drittijiet tagħha u tostakola l-eserċizzju attwali tad-drittijiet tal-krédituri anterjuri;

Tikkunsidra wkoll illi għal dak li jirrigwarda beni dotali kif jirriżulta mill-kopja tal-iskrittura nuzjali dawn kienu jikkonsistu f'diversi mobilja skond id-dokument A (fol. 6) talvalur ta' sitta u tletin lira (£36): ilbies u bjankerija tal-valur ta' erbgħa u għoxrin lira u nofs (£24.10s.0d), oġġetti taddeheb għall-użu tal-attriċi tal-valur ta' sittax-il lira u tmien xelini *£16.8s.0d) u tmintax-il lira (£18) in kontanti (fol. 4)*. Il-konvenut Salvatore Cutajar fix-xhieda tiegħu ddikjara illi l-mobilja elenkata fil-lista a fol. 6 għadha teżisti ma qal xejn fuq id-deheb naturalment il-bjankerija u l-ilbies illogoraw ruħhom bl-użu u wieħed għandu jifhem li l-flus intefqu. Irriżulta wkoll illi l-fond li kien inxtara matul iż-żwieġ, u fejn il-konvenut kien jgħammar u kellu ħanut imbiegħ bis-subasta u l-flus ġew depositati taħt l-awtorità ta' din il-Qorti (Ċed. Numru 29/1961 wara s-subasta Magro vs Cutajar, 19 ta' Mejju, 19 ...

Fuq il-prinċipji stabiliti fid-deċiżjonijiet preċitati tal-Qorti tal-Appell u mill-rim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Incorvaiai

vs Incorvaia" Kollez. Vol. XXXIX P. II, paġ. 644, 7 ta' Mejju, 1955, il-Qorti tara li m'hemmx diffikoltà dwar dawk l-oġġetti dotali li ma ġewx konsumati bl-użu u li ma ġewx distrutti: li hemm lok għal separazzjoni ta' tant beni mill-ġid tar-raġel kemm jista' jassikura l-ħas ta' tmintax il-lira (£18) li l-attriċi ġiebet bħala parti mid-dota u li hemm lok biss għall-kawtela tad-dotarju wara li jkun tħallsu l-kredituri kollha anterjuri għall-kreditu tal-attriċi u mid-data tar-renova tiegħu u fil-każ li jkun baqa' xi ħaġa mill-flus li jinsabu depositati taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti wara s-subasta fl-ismijiet "Magro vs Cutajar" fuq imsemmi; billi l-kreditu tal-attriċi għad-dotarju ma jistax ikun ta' preġudizzju għal dak tal-kredituri anterjuri la darba l-ipoteka relativa ma ġietx imġedda f'għeluq it-tletin sena mid-data tal-iskrizzjoni tagħha: beni oħra tal-konvenut Salvatore Cutajar ma rriżultax mill-provi prodotti f'din il-kawża;

Għaldaqstant fil-kontumaċja tal-konvenuti Salvatore Cutajar u Carmelo Bellizzi tipprovdi fuq it-talbiet billi wara li tagħmel id-dikjarazzjoni mitluba mill-attriċi:

(1) Tordna s-separazzjoni tal-beni li l-attriċi ġabet fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha mal-konvenut *Salvatore Cutajar* purchè mhux distratti u anqas konsumati bl-użu liema beni dotali li għad fadal il-konvenut għandu jirrestitwixxi lill-attriċi u tordna wkoll illi mid-depositu li jinsab taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti wara s-subasta fl-ismijiet "Magro vs Cutajar" tad-19 ta' Mejju, 1961 fuq imsemmi, jiġu separati tmintax il-*lira (£18) biex jagħmlu tajjeb għar-restituzzjoni ta' egwali* somma li l-attriċi apportata bħala parti mid-dota a tenur tal-iskritta *nuzjali fuq imsemmija*, u *mitejn lira (£200)* biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tad-dotarju, salvo però u impreġudikati d-drittijiet tal-kredituri ta' Salvatore Cutajar anterjuri u porzjuri għal dak tal-attriċi sia jekk konvenuti f'dina l-kawża sia jekk mhux konvenuti li jiżbankaw il-kreditu tagħhom mill-

imsemmi depositu a preferenza tal-attriċi u b'riserva favur tal-attriċi li titlob fi kwalunkwe żmien permezz ta' rikors wara l-attijiet ta' dina l-kawża l-provvedimenti li jkunu meħtieġa a tenur tal-artikoli 1380, 1381 tal-Kodiċi Ċivili;

(2) Tordna li l-att opportun jiġi ppubblikat minn Nutar Mario Bonello fil-21 ta' April, 1966 fl-10.00 a.m. f'waħda mill-Awli ta' dawn il-Qrati bl-intervent ta' Dottor Joseph Ciappara biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-att. L-ispejjeż kompriżi dawk tal-kuntratt fuq imsemmi akkariku tal-konvenut Salvatore Cutajar, barra dawk diġà deċiżi kontra l-konvenut Cachia.